

Brussell, 8 ta' Mejju 2018
(OR. en)

8304/1/18
REV 1

LIMITE

FISC 178
ECOFIN 356

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa <ul style="list-style-type: none">Rapport mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) li jissuġġerixxi emendi għall-Annessi tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017, inkluż it-tneħħija ta' żewġ ġurisdizzjonijiet

1. Fil-5 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill ECOFIN adotta konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa¹. B'mod aktar speċifiku huwa approva l-"lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa" kif ukoll rakkomandazzjonijiet lill-ġurisdizzjonijiet ikkonċernati dwar il-passi li jridu jittieħdu sabiex jitneħħew mil-lista (l-Anness I). Huma nnotaw ukoll b'sodisfazzjon l-impenji sinifikanti f'livell politiku għoli meħuda minn ġurisdizzjonijiet oħra (l-Anness II) u ddeterminaw il-Linji gwida għal aktar ħidma f'dan il-qasam (l-Anness IV).

¹ Dok. 15429/17 FISC 345 ECOFIN 1088.

2. Barra minn hekk, il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017 qiesu li kien xieraq li l-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta "jinvolvi ruħu f'diskussjonijiet mal-ġurisdizzjonijiet elenkati, bil-għan li jaqbel mal-passi li l-ġurisdizzjonijiet huma mistennija jieħdu sabiex jitneħħew mil-lista" (il-paragrafu 10), innotaw li l-Grupp "jenħtieġ li jirrakkomanda fi kwalunkwe mument li l-lista ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa tiġi aġġornata fuq il-bażi ta' kull impenn ġdid meħud" (il-paragrafu 11), u kkonfermaw li "deċiżjoni dwar modifika tal-lista ser tittieħed mill-Kunsill, abbażi tal-informazzjoni fattwali rilevanti li ssir disponibbli għall-Kunsill mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta" (il-paragrafu 24).
3. L-Anness IV tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017 jindika li l-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa "għandha tiġi riveduta mill-Kunsill mill-inqas darba fis-sena u approvata abbażi tar-rapport mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi lill-Kunsill, filwaqt li jindika d-data tal-bidu tal-applikazzjoni ta' dik il-modifika".
4. Fit-23 ta' Jannar² u t-13 ta' Marzu³ 2018, il-Kunsill ECOFIN adotta diversi emendi għall-Annessi I u II tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017⁴.
5. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta u s-sottogrupp tiegħu dwar pajjiżi terzi qablu fil-laqgħat tagħhom tat-12 ta' April u tal-4 ta' Mejju 2018 dwar l-emendi li ġejjin għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017:
 - a) Il-Bahamas u Saint Kitts u Nevis għandhom jitmexxew mill-Anness I għall-Anness II tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017 (tneħħija) wara l-ittri ta' impenn tagħhom iffirmati f'livell politiku għoli tad-9 ta' Marzu 2018. Bħala konsegwenza, il-Bahamas għandu jiżdied mat-taqsimiet 1.1 (sottotaqsima 1), 1.3 (sottotaqsima 1) u 2.2 tal-Anness II, filwaqt li Saint Kitts u Nevis għandha tiżdied mat-taqsimiet 2.1 u 3.1 (sottotaqsima 1) tiegħu.

² Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea , C 29 2018 paġna 2.

³ Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea , C 100 2018 paġni 4-5.

⁴ Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea , C 438 2017 paġni 5-24.

- b) Fl-Anness I, għandu jissema li l-impenn tas-Samoa li tikkonforma mal-kriterju 3 u li l-impenn ta' Trinidad u Tobago li tikkonforma mal-kriterju 1.2 ser jiġu mmonitorjati.
- c) Anguilla għandha tizzied mat-taqsim 1.2 tal-Anness II, il-Mongolja, il-Montenegro u s-Serbja għandhom jitneħħew minn dik l-istess taqsima wara li ssodisfaw l-impenn tagħhom.
- d) Il-Gżejjer Turks u Kajkos u l-Emirati Għarab Magħquda għandhom jizziedu mat-taqsim 2.2 tal-Anness II.
- e) Il-Maldivi u s-Serbja għandhom jitneħħew mit-taqsim 3.1 tal-Anness II wara li ssodisfaw l-impenn tagħhom.
6. Għandu jiġi nnotat li l-impenni kollha meħuda uffiċjalment minn ġurisdizzjonijiet, kif ukoll l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kunsill sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet pendenti, ser jiġu ssorveljati bir-reqqa mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta, appoġġat mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, bl-għajnuna teknika tal-Kummissjoni Ewropea, sabiex tiġi evalwata l-implimentazzjoni effettiva tagħhom (l-Anness IV).
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jissuġġerixxi li f'Mejju 2018, il-Kunsill ECOFIN:
- jadotta l-Annessi emendati I u II għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017 kif jinsabu mehmuża ma' din in-nota, li jirriflettu l-bidliet imsemmija hawn fuq, bħala punt "A" fuq l-aġenda,
 - jaqbel li jiġu ppublikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

B'effett mill-jum tal-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, l-Annessi I u II tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017 dwar il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa⁵, kif emendati f'Jannar⁶ u Marzu⁷ 2018, huma sostitwiti bl-Annessi I u II li ġejjin:

ANNES I

Il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa

1. Is-Samoa Amerikana

Is-Samoa Amerikana ma tapplika l-ebda skambju awtomatiku ta' informazzjoni finanzjarja, ma ffirmatx u ma rratifikatx, inkluż permezz tal-ġurisdizzjoni li hija dipendenti fuqha, il-Konvenzjoni Multilaterali tal-OECD dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka kif emendata, ma tapplikax l-istandards minimi tal-BEPS u ma impenjatx ruħha li tindirizza dawn il-kwistjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2018.

2. Guam

Guam ma japplika l-ebda skambju awtomatiku ta' informazzjoni finanzjarja, ma ffirmatx u ma rratifikax, inkluż permezz tal-ġurisdizzjoni li huwa dipendenti fuqha, il-Konvenzjoni Multilaterali tal-OECD dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka kif emendata, ma japplikax l-istandards minimi tal-BEPS u ma impenjax ruħu li jindirizza dawn il-kwistjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2018.

⁵ Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea , C 438 2017 paġni 5-24.

⁶ Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea , C 29 2018 paġna 2.

⁷ Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea , C 100 2018 paġni 4-5.

3. In-Namibja

In-Namibja mhijiex Membru tal-Forum Globali dwar it-Trasparenza u l-Iskambju ta' Informazzjoni għal Skopijiet ta' Taxxa, ma ffirmatx u ma rratifikatx il-Konvenzjoni Multilaterali tal-OECD dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka kif emendata, ma tapplikax l-istandards minimi tal-BEPS u ma impenjatx ruħha li tindirizza dawn il-kwistjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2019. Barra minn hekk in-Namibja għandha reġimi preferenzjali tat-taxxa li huma dannużi u ma impenjatx ruħha li temendhom jew tabolixxihom sal-31 ta' Diċembru 2018.

4. Palau

Palau tiffaċilita strutturi u arranġamenti offshore bl-għan li jġu attirati profitti mingħajr sustanza ekonomika reali u rifjutat li tidħol fi djalogu sinifikattiv biex taċċerta l-konformità tagħha mal-kriterju 2.2.

L-impenn ta' Palau li tikkonforma mal-kriterji 1.1, 1.2, 1.3 u 3 ser jiġi sorveljat.

5. Samoa

Samoa għandu reġim preferenzjali tat-taxxa li huwa dannuż u ma impenjax ruħu li jindirizza din il-kwistjoni sal-31 ta' Diċembru 2018.

L-impenn ta' Samoa li jikkonforma mal-kriterju 3 ser jiġi sorveljat.

6. Trinidad u Tobago

Trinidad u Tobago ma ffirmatx u ma rratifikatx il-Konvenzjoni Multilaterali tal-OECD dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet ta' Taxxa, kif emendata, għandha reġim ta' taxxa preferenzjali dannuż u ma kkommettietx ruħha li tindirizza dawn il-kwistjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2018.

L-impenn ta' Trinidad u Tobago li tikkonforma mal-kriterji 1.1, 1.2 u 3 ser jiġi sorveljat.

7. Il-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti

Il-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti ma japplikaw l-ebda skambju awtomatiku ta' informazzjoni finanzjarja, ma ffirmawx u ma rratifikawx, inkluż permezz tal-ġurisdizzjoni li huma dipendenti fuqha, il-Konvenzjoni Multilaterali tal-OECD dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka kif emendata, għandhom reġim preferenzjali tat-taxxa li huwa dannuż u ma impenjawx ruħhom b'mod ċar li jemendawh jew jabolixxuh, ma japplikawx l-istandards minimi tal-BEPS u ma impenjawx ruħhom li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2018.

Sitwazzjoni attwali tal-kooperazzjoni mal-UE fir-rigward tal-impenji meħuda sabiex jimplimentaw il-prinċipji ta' governanza tajba fil-qasam tat-taxxa

1. Trasparenza

1.1 Impenn sabiex jiġi implimentat l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni, jew permezz tal-firma ta' Ftehim Multilaterali tal-Awtoritajiet Kompetenti jew permezz ta' ftehimiet bilaterali

Il-ġurisdizzjonijiet li ġejjin huma impenjati li jimplimentaw skambju awtomatiku ta' informazzjoni sal-2018:

Antigua u Barbuda, il-Bahamas, il-Bahrain, Curaçao, Dominica, Grenada, Hong Kong SAR, il-Macao SAR, il-Gżejjer Marshall, New Caledonia, l-Oman, il-Qatar, it-Tajwan u l-Emirati Għarab Magħquda

Il-ġurisdizzjonijiet li ġejjin huma impenjati li jimplimentaw skambju awtomatiku ta' informazzjoni sal-2019:

It-Turkija

1.2 Sħubija fil-Forum Dinji dwar it-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni għal finijiet ta' taxxa u klassifikazzjoni sodisfaċenti

Il-ġurisdizzjonijiet li ġejjin huma impenjati li jsiru membri tal-Forum Globali u/jew ikollhom klassifikazzjoni sodisfaċenti sal-2018:

Anguilla, Curaçao, il-Gżejjer Marshall, New Caledonia u l-Oman

Il-ġurisdizzjonijiet li ġejjin huma impenjati li jsiru membri tal-Forum Globali u/jew ikollhom klassifikazzjoni suffiċjenti sal-2019:

Il-Bożnija-Herzegovina, Cape Verde, Fiġi, il-Ġordan, is-Swaziland, it-Turkija u l-Vjetnam

1.3 Firma u ratifika tal-Konvenzjoni Multilaterali tal-OECD dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka jew netwerk ta' ftehimiet li jkopru l-Istati Membri kollha tal-UE

Il-ġurisdizzjonijiet li ġejjin huma impenjati li jiffirmaw u jirratifikaw il-MAC jew li jkollhom fis-seħħ netwerk ta' ftehimiet li jkopru l-Istati Membri kollha tal-UE sal-2018:

Antigua u Barbuda, il-Bahamas, il-Bahrain, Dominica, Grenada, Hong Kong SAR, il-Macao SAR, New Caledonia, l-Oman, il-Qatar, it-Tajwan u l-Emirati Għarab Magħquda

Il-ġurisdizzjonijiet li ġejjin huma impenjati li jiffirmaw u jirratifikaw il-MAC jew li jkollhom fis-seħħ netwerk ta' ftehimiet li jkopru l-Istati Membri kollha tal-UE sal-2019:

L-Armenja, il-Bożnija-Herzegovina, il-Botswana, Cape Verde, Fiġi, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Ġamajka, il-Ġordan, il-Maldivi, il-Mongolja, il-Montenegro, il-Marokk, il-Perù, is-Serbja, is-Swaziland, it-Tajlandja, it-Turkija u l-Vjetnam

2. Tassazzjoni ġusta

2.1 Eżistenza ta' sistemi ta' taxxa dannużi

Il-ġurisdizzjonijiet li ġejjin huma impenjati li jemendaw jew jabolixxu r-reġimi identifikati sal-2018:

L-Andorra, Antigua u Barbuda, l-Armenja, Aruba, Barbados, il-Belize, il-Botswana, Cape Verde, il-Gżejjer Cook, Curacao, Dominica, Fiġi, Grenada, Hong Kong SAR, il-Ġordan, il-Korea (Repubblika ta'), Labuan, il-Liechtenstein, il-Macao SAR, il-Malasja, il-Maldivi, Mauritius, il-Marokk, il-Panama, Saint Kitts u Nevis, Saint Lucia, Saint Vincent u l-Grenadini, San Marino, is-Seychelles, l-Iżvizzera, it-Tajwan, it-Tajlandja, it-Tuneżija, it-Turkija, l-Urugwaj u l-Vjetnam

2.2 Eżistenza ta' sistemi tat-taxxa li jiffaċilitaw strutturi offshore li jattiraw profitti mingħajr attività ekonomika reali

Il-ġurisdizzjonijiet li ġejjin huma impenjati li jindirizzaw it-tħassib relatat mas-sustanza ekonomika sal-2018:

Anguilla, il-Bahamas, il-Bahrain, Bermuda, il-Gżejjer Verġni Brittaniċi, il-Gżejjer Cayman, Guernsey, Isle of Man, Jersey, il-Gżejjer Marshall, il-Gżejjer Turks u Kajkos, l-Emirati Għarab Magħquda u Vanuatu

3. Miżuri kontra l-BEPS

3.1 Sħubija fil-Qafas Inklużiv dwar il-BEPS jew implimentazzjoni ta' standards minimi dwar il-BEPS

Il-ġurisdizzjonijiet li ġejjin huma impenjati li jsiru membri fil-Qafas Inklużiv jew jimplimentaw l-istandard minimu dwar il-BEPS sal-2018:

Aruba, Antigua u Barbuda, il-Bahrain, il-Gżejjer Cook, Dominica, il-Gżejjer Faroe, Greenland, Grenada, il-Gżejjer Marshall, New Caledonia, Saint Kitts u Nevis, Saint Lucia, Saint Vincent u l-Grenadini, it-Tajwan, l-Emirati Għarab Magħquda u Vanuatu

Il-ġurisdizzjonijiet li ġejjin huma impenjati li jsiru membri fil-Qafas Inklużiv jew jimplimentaw l-istandard minimu dwar il-BEPS sal-2019:

L-Albanija, l-Armenja, il-Bożnija-Herzegovina, Cape Verde, Fiġi, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Ġordan, il-Montenegro, il-Marokk u s-Swaziland

Il-ġurisdizzjonijiet li ġejjin huma impenjati li jsiru membri fil-Qafas Inklużiv jew jimplimentaw l-istandard minimu dwar il-BEPS jekk u meta t-tali impenn isir rilevanti:

Nauru, Niue